KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tnejn (2)***

***L-Erbgħa, 17 ta' Lulju, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 2 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| Il-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB (attenda fis-17:44) |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5:20pm

**2.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

Ma tressqu ebda ittri tal-apoloġiji.

**2.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

2.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 1 li nżammet nhar l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2024

2.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 1 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

2.2.3 Mozzjoni Numru 2-01 : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 1

Proponent: Il-Kunsillier Steven Axisa
Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

Il-Minuti Numru 1 ġew approvati unanimament.

**2.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Vici Sindku Brian Xuereb (17:44)*

2.3.1 Is-Sindku Karl Boxall ressaq diversi ilmenti mingħand residenti rigward iz-zebra crossing li kienet saret quddiem l-iskola. Din perikoluża ħafna u saħansitra kien hemm ukoll accident fejn ittajret tifla. Il-Kunsilliera kollha preżenti urew l-istess opinjoni u għaldaqstant ġie propost li z-zebra crossing terġa' ssir fejn kienet qabel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3.2 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar il-Proġett tal-Barrani kif ukoll dwar dan li ġie diskuss fil-Laqgħa li kellna mas-CEO ta' Infrastructure Malta. Waqt din il-laqgħa ġew murija il-Pjanti hekk kif proposti minn IM dwar l-immaniġjar tat-traffiku l-ġdid li se jsir f'Tal-Barrani. Waqt din il-Laqgħa ġie diskuss ukoll il-possibilita' li jsir ukoll studju biex mal-Proġett tiġi inkluża ukoll ir-roundabout lejn Bir id-Deheb. Infrastructure Malta infurmawna li se jkunu qed iressqu proposta biex isir l-istudju dwar dan. Il-Kunsillier Steven Axisa ssuġerixxa li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex il-Kunsill jibda' jaħdem fuq Traffic Management Scheme madwar ir-raħal kollu.

2.3.3 Is-Sindku Karl Boxall tkellem ukoll dwar il-Laqgħa li kellna mal-Community Police Officers fejn ġejna infurmati li se jkollna pulizija assenjat fuq il-lokal tagħna. Waqt il-laqgħa ġew diskussi is-suġġetti bħal karozzi mitluqin u bla licenzja , rondi għall-abbużi ta' drogi speċjalment fit-toilets tal-Housing Estate, rimi ta' skart illegali u illegalitajiet oħra.

2.3.4 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill dwar il-Laqgħa li kellna mal-Onorevoli Glenn Bedingfield u d-Direttur tal-Cleansing Ramon Deguara dwar il-proposti għal tindif. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-Kunsill interessat li juża s-servizz tad-Direttorat għat-tindif tal-lokal jista' jagħmel dan, minħabba li l-kuntratt tal-knis huwa skadut u għadu qed jiġi mġedded. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt attwali jiġi mġedded sa l-aħħar t'Awwissu 2024. Jekk ikun hemm il-ħtieġa jerġa jiġi mġedded għal xahar ieħor. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li hu mhux ma jaqbilx ma dan l-arranġament, iżda jħoss li b'din is-sistema qed inkomplu nnaqqsu l-awtonomija tal-Kunsilli Lokali għax il-Kunsill mhux se jkollu l-jedd li joħroġ *default notices* f'każ li s-servizz ma jkunx qed jingħata kif suppost. Waqt il-laqgħa is-Sur Deguara ikkonferma li se jissuplixxi lill-Kunsill b'10 bins sabiex jitwaħħlu madwar ir-raħal. Rigward il-proposta sabiex nużaw is-servizz tal-Cleansing u l-allokazzjoni tat-tindif tiġi mgħoddija lid-Direttorat il-Kunsill qabel unanimament. Dan għandu jibda għal ħabta ta' Settembru u se nkunu qegħdin ningħataw 4 ħaddiema li wieħed minnhom ikun jista' anki jaħdem bil-magna tat-tindif provduta ukoll mid-Direttorat.

2.3.5 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju 2024 fid-9am se jsir meeting mal-GAL Xlokk Foundation dwar il-Miżuri li għandhom għall-fondi ewropej. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li meta l-Kunsill ikun se japplika għal fondi ewropej, jista' jiġi mqabbad persuna teknika biex jieħu ħsieb l-applikazzjoni. Għaldaqstant issuġerixxa li meta jkun hemm il-ħtieġa tista' toħroġ *Expression of Interest* għal dan is-servizz.

2.3.6 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li tinġieb stima biex tiġi irranġata il-Faċċata tal-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qabel .

2.3.7 Is-Sindku Karl Boxall ppropona ukoll li jinxtraw bozoz ġodda għal-fustun tal-Kunsill. L-ispiża hija ta' €100. Il-Kunsill approva. Is-Sindku qal ukoll li se jkun qed jibdel l-arblu tal-bejt tal-Kunsill mingħajr l-ebda spejjeż.

**2.4 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

2.4.1 Il-Vici Sindku Brian Xuereb issuġerixxa li toħroġ sejħa għal *Upkeep of Soft Areas*. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju dwar dan. Fil-laqgħa li jmiss se tingħata iktar informazzjoni dwar il-possibilita' li jinħareġ it-tender u jiġi diskuss il-budget li jista' jiġi allokat għal dan is-servizz.

2.4.2 Il-Vici Sindku Brian Xuereb tkellem dwar applikazzjoni għal bini PA/04489/24. Huwa qal li bil-proposta ta' din il-binja se jitħalla belvedere fi Triq il-Ħatem iżda l-kumplament se jittella' bini. Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal dan l-iżvilupp qed jinkwieta lir-residenti u se jkun qed jaffetwa patrimonju għaxqi. Is-Sindku qal li bil-binja se tiżdied il-problema tal-parking fiż-żona. Il-Kunsill qabel li l-aħjar li niddiskutu dwarha mal-Perit tal-Kunsill.

2.4.3 Il-Kunsillier Steven Axisa ppropona li qabel ma jsir il-proġett ta' Santu Rokku nistgħu noħolqu parkeġġ minflok il-ħamrija li hemm fit-tarf. Dan għandu jsir qabel jsir il-proġett biex jilħaq jindara u jekk taħdem nżiduha mal-proġett sħiħ ta' Santu Rokku.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss tiġi ppreżentata il-pjanta tal-proġett biex inkunu nistgħu niddeċiedu kif se jitkompla dan il-proġett.

2.4.4 Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li hemm il-bank madwar is-siġra ta' fuq Santu Rokku li irid jinqala' għax qiegħed ikisser iz-zokk. Is-Sindku qal li se jkun qed jara kif jista' jitranġa.

2.4.5 Il-Kunsillier Steven Axisa qal li hemm siġar fil-privat fl-iSqaq il-Ġilju fi Triq Santa Marija li bl-għeruq tagħhom qed ikissru t-triq. Il-Kunsill qabel li l-aħjar li nkellmu lir-residenta.

2.4.6 Il-Kunsillier Stephen Attard staqsa kemm għandu bollards il-Kunsill biex jagħlaq it-toroq fi żmien il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li il-Kunsill kellu 8 bollards biex jagħlaq l-aċċess kollu għal Pjazza. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-bollards ħarġu f'xi festa u ma ġewx ritornati. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għall-attivitajiet li ġejjin, il-bollards jingħataw lill-persuna responsabbli mill-għaqdiet rispettivi biex ikun hemm iktar ko-ordinazzjoni.

2.4.7 Il-Kunsillier Stephen Attard ppropona li jinbidlu t-tabelli li hemm bżonn jew li huma nieqsin. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill għandu fond ta' €3000 (il-Fond tal-Aġġustament) li dan jista' jintuża' biex jinbidlu t-tabelli tal-ismijiet tat-toroq li għandhom l-arma ħażina. Ġie ssuġerit li b'dan il-fond nistgħu nibdlu nofs it-tabelli tal-ismijiet tat-toroq u nofs l-ieħor jintużaw biex jinbidlu t-tabelli li hemm nieqsin. Fejn hemm tabelli li huma tajbin u li tista' ssir sticker, nistgħu nagħmlu hekk.

2.4.8 Il-Kunsillier Stephen Attard ressaq proposta sabiex titwaħħal *road hump* ftit l-isfel minn Peppin Garage fi Triq il-Qattus. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li hu jaqbel li jsir sakemm ma ddejjaqx lir-residenti li se titpoġġa quddiemhom u din issuġerixxa li tkun prassi biex il-Kunsill jiddeċiedi dwar *road humps*. Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni ukoll dwar il-vetturi kbar li hemm ipparkjati barra għax bil-liġi dawn suppost jiġu ggaraxxjati. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li ha jiċċekja jekk ir-residenti jriduhiex u filkaż titwaħħal. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-aħjar li ssir wara li ssir it-triq bit-tarmak.

2.4.9 Il-Kunsilliera Christine Dalli fakkret biex jinqalgħu t-tabelli żejda li hemm fi Triq Santa Marija li huma bla użu.

2.4.10 Il-Kunsilliera Christine Dalli staqsiet dwar Sqaq Nru 5 jekk sarux il-parking lines. Is-Sindku qal li se jmur jara.

2.4.11 Il-Kunsilliera Christine Dalli ressqet talba sabiex issir mera faċċata ta' Triq id-Tgeżwira. Il-Kunsill approva.

2.4.12 Il-Kunsilliera Christine Dalli staqsiet għala in-No Parkings fi Triq il-Barbazzal saru għal xahar sħiħ. Is-Sindku Karl Boxall ikkonferma li dawn saru biex ikunu jistgħu jarmaw pero se jiċċekja mal-organizzaturi jekk fi Triq il-Barbazzal jistgħux jitneħħew.

2.4.13 Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li l-Kunsill preċedenti kien ressaq talba biex Triq il-Qattus tiġi one way u din it-talba kienet tressqet għand Transport Malta. Il-Kunsill qabel li jintbagħat reminder.

2.4.14 Il-Kunsilliera Christine Dalli infurmat li l-problema tal-ACs tal-iskola qegħdin jaħdmu fuqha infatti tas-sular t'isfel inxtegħlu. Is-Sindku qal li sa Settembru tawh kelma li din il-problema se tkun qed tissolva.

2.4.15 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li l-Unloading Bay ta' Triq Tumbarellu (ħdejn Novita' Bagno) titla l-fuq. Il-Kunsill qabel li jitkellem magħhom biex l-unloading bay titla' l-ewwel kaxxa. Il-Vici Sindku Brian Xuereb ressaq proposta sabiex il-ħruġ minn fejn tal-pastizzi jingħalaq. Għaldaqstant minn Triq Tumbarellu jiġi dħul biss filwaqt li l-ħruġ jiġi minn Triq Ta' Loretu għal fejn il-Monument tal-Annimali. Il-Kunsill qabel li din il-proposta' għandha tiġi diskussa f'iktar dettal fil-laqgħat li jmiss.

**2.5 <u>Korrispondenza</u>**

2.5.1 Tressqet korrispondenza rigward l-iSkema SPI/SCI/03/2024: Lokalitajiet aktar nodfa. Din l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa fil-Leġislatura ta' qabel fejn il-Kunsill kien applika sabiex jipparteċipa fil-World Cleanup Campaign. Il-Kunsill kien applika sabiex inaddaf iż-żona taż-Żebbuġ fi Triq l-Andar. Din l-attivita' għandha tiġi organizzata bl-għajnuna tar-residenti u l-għaqdiet lokali u t-talba għall-ispejjeż saret għall-5 skips u xi boroż u ingwanti li jammonta għal €985. Il-Bord tal-Evalwazzjoni tad-Direttorat qed jitlob li l-Kunsill jikkonferma d-data ta' meta ssir din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li l-attivita' ssir fl-14 ta' Settembru bejn it-8.30am sal-11.00am. Il-Kunsill approva.

2.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fl-1 t'Awwissu fil-11am se ssir laqgħa mal-Onorevoli Glenn Bedingfield dwar lokazzjonijiet fejn ikun irrapurtat rimi ta' skart illegali. Il-Kunsill identifika żewġ postijiet li huma Trejqet Santu Kristu kif ukoll iż-żona taż-Żebbuġ.

2.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-iskrivan Shaun Spiteri kien ġie approvat li jitla' Skala 13 wara 10 snin servizz lill-Kunsill fuq Skala 15. Wara t-talba lid-Dipartiment u ħruġ ta' sejħa interna, is-Sur Spiteri applika għall-post ta' Uffiċjal Eżekuttiv fuq Skala 13. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Spiteri jibda' jokkupa l-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv b'effett mill-1 ta' Lulju 2024.

2.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li qegħdin nibbenefikaw minn Skema SPI/SCI/4/2023:Komunitajiet aktar siguri u organizzati. Ingħatajna fond ta' €4,552.43 li huwa 75% tal-ispiża li l-Kunsill għandu jiffinanzja sabiex isiru CCTV cameras. S'issa saru l-cameras ġodda fil-binja tal-Kunsill li ammontaw għal €1536.50. Skond l-applikazzjoni u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill preċedenti, għad fadal isiru Cameras fiż-żona fejn il-ħanut tal-Principessa kif ukoll cameras fejn il-ħruġ minn Triq it-Tumbarellu. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru kif kien deċiż. Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-possibilita' li jitwaħħlu CCTV cameras fil-Pjazza biex innaqqsu l-abbużi ta' rimi ta' skart illegali. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li tinġieb kwotazzjoni iżda din id-deċiżjoni għandha tittieħed fil-laqgħat li jmiss.

2.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand il-Perit tal-Kunsill rigward xi pagamenti pendenti li l-Kunsill preċedenti ma kienx approva minħabba li l-Kunsill kien ra li l-ispiża kienet eċċessiva. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit ikkonferma li s-siegħat huma dawk imsemmiha fl-invoices, u jekk il-Kunsill mhux sodisfatt bix-xogħol, talab li jinħareġ tender ġdid. Il-Kunsill qabel li jagħmel laqgħa mal-Perit biex jiddiskutu kif l-aħjar nipproċedu.

2.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li r-Reġjun bagħat invoice lill-Kunsill dwar nuqqasijiet li l-Wasteserv innutat fir-rimi tal-boroż riċiklabbli u il-ħġieġ. L-Ammont ta' l-invoice huwa ta' €4,429.07. Dwar din il-kwistjoni, ir-Reġjun qed jipproċedi legalment iżda f'dan l-istadju il-Kunsill jrid jiddeċiedi jekk dan l-ammont hux se jitħallas.

2.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tiġi mwaqqfa l-BOV 24X7 key tas-Sur Darren Abela u is-Sindku s-Sur Karl Boxall se jkun qed japplika għal BOV 24X7 key ġdida biex ikunu jistgħu jiġu pproċessati l-ħlasijiet. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

**2.6 <u>Tiżjin tal-Milied fit-toroq ta' Ħal Għaxaq</u>**

2.6.1 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li l-Kunsill jalloka fond għat-tiżjin tal-Milied ta' din is-sena biex nibdew ninvestu f'tiżjin aħjar. Huwa ssuġerixxa li l-Għaqdiet jibqgħu jieħdu ħsieb it-tiżjin ta' Vjal il-Labour u ta' Triq G.M.Farrugia filwaqt li għat-tiżjin ta' Triq Santa Marija u d-dawra ta' Santu Rokku jibda' jitqabbad kuntrattur. Dwar dan il-Kunsill qabel fil-prinċipju u se jkun qiegħed jibda jaħdem fuq din il-proposta' fil-jiem li ġejjin.

**2.7 <u>Il-Monument tal-Familja</u>**

2.7.1 Is-Sindku Karl Boxall qal li wara li dan il-Kunsill iddiskuta din il-materja, kien hemm qbil li l-abbozz tal-Monument għandu jinbidel għaldaqstant din il-materja ġiet imniżżla fl-Agenda biex tiġi diskussa bejn kulħadd.

2.7.2 Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li jekk se jsir il-Monument, il-Monument għandu jkun figurattiv astratt. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qablet ma dan u qalet li l-abbozz għandu jsir b'figuri astratti. Il-Vici Sindku sostna li hu ma jaqbilx mal-kunċett ta' Monument tal-Familja u jekk għandu jsir Monument għandu jsir astratt mingħajr ma jispeċifika figuri.

2.7.3 Il-Kunsillier Steven Axisa qal li hu primarjament ma jaqbilx li ħa jsir Monument iddedikat għall-Familja. Pero ma jara xejn ħażin li l-Familja qed tiġi ppreżentata hekk u kif inhu l-abbozz ma jarax li qed jeskludi Familji differenti.

2.7.4 Il-Kunsillier Stephen Attard issuġerixxa li niltaqgħu mad-disinjatur u nipruvaw nifhmu x'kien il-kunċett wara l-idea ta' dan l-abbozz.

2.7.5 Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li anki fil-Kunsill preċedenti hija dejjem kienet kontra dan il-Monument u se tibqa' żżomm il-pożizzjoni tagħha.

2.7.4 Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li peress li din kienet deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti, qed iressaq riżoluzzjoni biex tinbidel id-deċiżjoni li jsir il-Monument iżda minflok, titranġa iż-żona, mingħajr ma jsir il-Monument u titwaqqaf l-applikazzjoni.

**PROPONENT:** Il-Vici Sindku Brian Xuereb

**SEKONDANT:** Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

Ittieħed vot favur din ir-riżoluzzjoni, bir-riżultat:

**Favur:** 6 (Karl Boxall, Brian Xuereb, Stephen Attard, Christine Dalli, Jesmond Manicolo, Naomi Mizzi)

**Kontra:** 0

**Astensjonijiet :** 1 (Steven Axisa)

Din ir-riżoluzzjoni kif imressqa f'materja 2.7.4 ġiet approvata u tinsab annessa mal-Minuti.

**2.8 Informazzjoni dwar proġetti**

2.8.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa f'iktar dettal fil-Laqgħa li jmiss

**2.9 Organizzazzjoni għall-attivitajiet tal-Festa**

2.9.1 Is-Sindku Karl Boxall qal li bħal ma sar fil-Festa ta' San Ġużepp, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb it-tindif ta' wara l-kunċerti li se jsiru fi Triq il-Barbazzal. Se jiġu pprovduti wkoll 30 bin bħal ma nġiebu fil-kunċerti li saru f'Mejju, u il-Kunsill kien jipprovdi ukoll żewġ mobile toilets fi Triq il-Belt Valletta għal waqt il-ħruq tan-Nar.

2.9.2 Il-Kunsill qabel unanimament li għal Festa ta' Santa Marija jsir kollox bħal ma sar għal festa ta' San Ġuzepp. Rigward is-sena d-dieħla għandha issir diskussjoni iktar 'il quddiem.

**2.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 02(09) – Lulju 2024***

2.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 02(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11374 sa 11417 kif ukoll cheque bin-numri 7245 li jammontaw €51,888.07

2.10.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

2.10.3 **Mozzjoni 02-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 02(09) li jammontaw għal €51,888.07

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb

Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 02(09) ġiet approvata unanimament.

**2.11 <u>Mozzjonijiet</u>**

2.11.1 Annessi mal-Minuti

**2.12 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

2.12.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 1 t'Awwissu 2024 fis-6pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 2**

**Mozzjoni Ref:** 2-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 1

**Steven Axisa**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

---

**Data:** 17 ta' Ġunju 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 2**

**Mozzjoni Ref:** 2-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 02(09)

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

**Data:** 17 ta’ Lulju 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Riżoluzzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 2**

Il-Vici Sindku Brian Xuereb ressaq riżoluzzjoni biex tinbidel id-deċiżjoni li ttieħdet fil-Kunsill preċedenti dwar il-Monumant tal-Familja diskussa f'materja 2.7 fuq l-Agenda.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq ppropona li minflok isir il-Monument , titranġa iż-żona, mingħajr ma jsir il-Monument u titwaqqaf l-applikazzjoni.

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

Ittieħed vot favur din ir-riżoluzzjoni, bir-riżultat:

**Favur:** 6 (Karl Boxall, Brian Xuereb, Stephen Attard, Christine Dalli, Jesmond Manicolo, Naomi Mizzi)

**Kontra:** 0

**Astensjonijiet :** 1 (Steven Axisa)

Din ir-riżoluzzjoni kif imressqa f'materja 2.7.4 ġiet approvata

**Data:** 17 ta' Ġunju 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**